MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF
## ABIGAIL LOFARO

Seduta tat-3 ta' Dicembru, 2012

Rikors Numru. 206/2012

A B

vs

C B

Il-Qorti:

Rat ir-rikors illi gie ikkonfermat bil-gurament mir-rikorrenti; li permezz tieghu ippremetta :

Illi ll-esponenti zzewweg lil C B fis-sitta u ghoxrin ta’ Gunju tas-sena elf disa’ mija tlieta u disghin (26/06/1993) liema zwieg gie registrat fir-Registru Pubbliku ta’ Malta;

Illi l-esponenti issepara legalment minn ma martu permezz ta’ kuntratt ta’ separazzjoni fl-Atti tan-Nutar Anthony Abela datat tmintax ta’ Ottubru tas-sena elfejn u wiehed (18/10/2001) hawn anness u mmarkat bhala Dok A;

Illi minn dan iz-zwieg il-partijiet kellhom tifla wahda bl-isem ta’ K li twieldet fl-erbgha ta’ Settembru, tas-sena elf disa’ mija u sitta u disghin (04/09/1996);

Illi peress li m’hemmx prospett regonevoli ghal rikonciljazzjoni bejn il-partijiet tant li gia hemm separazzjoni legali bejn il-partijiet liema separazzjoni legali iggib id-data ta’ tmintax ta’ Ottubru tas-sena elfejn u wiehed (18/10/2001) u cioe’ ghal erba’ snin kif rikjest mill-ligi minghajr qatt ma saret l-ebda rikonciljazzjoni;

Illi dwar il-manteniment versu l-mara ma hemm xejn dovut stante li l-komparenti rrinunjaw reciprokament milli jaghtu manteniment lil xulxin u dan skont Artikolu 6 tal-kuntratt ta’ separazzjoni. Illi dwar manteniment versu it-tifla minuri, l-esponenti dejjem hallas u ghadu jhallas il-manteniment fl-ammont ta’ ghoxrin lira Maltin (LM20) fil-gimgha illum ekwivalenti sitta u erbghin Ewro u sittin centezmu (€46.60) u dan skont Artikolu 4 tal-kuntratt ta’ separazzjoni, liema manteniment jithallas direttament mill-paga tal-esponenti;

Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissudisfaw il-kundizzjonijiet kollha mehtiega ghall-ksib tad-divorzju skond l-Artikolu 66B tal-Kodici Civili, Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Talab, in vista tas-suespost, li l-intimata tghid ghaliex din il-Qorti m’ghandhiex :

1. Tippronunzja id-divorzju jew il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet a tenur tal-Artikolu 66 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta;
2. Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien imholli ghal daqshekk mill-istess Onorabbli Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet sabiex l-istess jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Rat ir-risposta tal-intimata, li *in forza* taghha hija eccepiet:

Illi l-esponenti qed topponi ghat-talbiet kif dedotti fir-rikors promotur, stante illi l-elementi rikjesti mill-Ligi, u

senjatament ir-rekwiziti stipulati fl-Artikolu 66B tal-kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta u mill-principji legali introdotti bl-emendi tal-Att XIV tas-sena 2011 ma humiex sodisfatti;

Illi kuntrarjament ghal dak li gie allegat mill-attur rikorrenti, u cioe' illi hu dejjem hallas il-manteniment dovut ghal bintu minuri, jigi rilevat illi l-istess rikorrenti ghamel perjodu ta' tmien (8) xhur, bejn Frar 2011 sa Settembru 2011, meta ma kienx qed ihallas il-manteniment miftiehem u stipulat fil-kuntratt ta'separazzjoni personali. Illi l-esponenti tinsab informata illi f'dak il-perjodu ir-rikorrenti kien imsiefer minn dawn il-Gzejjer u tul l-assenza tieghu minn dawn il-Gzejjer, naqas milli jhallas l-ammont miftiehem, u l-istess rikorrenti baqa' sa issa ma hallasx il-manteniment relattiv ghal dak il-perjodu specifiku;

Ili dan oltre l-fatt illi ai termini tal-istess kuntratt ta' separazzjoni personali, il-manteniment pagabbli ghall-istess minuri kellu jigi rivedut u mizjud kull tliet (3) snin. Illi ghalhekk mid-data tal-kuntratt sa issa dan il-manteniment kellu jigi rivedut tliet (3) darbiet, izda l-esponenti qatt ma nghatat ebda awment, minkejja interpellazzjoni li saru lir-rikorrenti f'dan is-sens;

Illi oltre dan, l-esponenti taghmel referenza ghall-emendi li saru fil-ligi in kwantu jirrigwardaw il-hlas ta' manteniment ghall-ulied oltre l-eta' ta' tmintax (18)-il sena, kemm-il darba l-ulied ikun ghadhom minghajr impieg, u jkunu qed jistudjaw, u jrrisjedu mal-genitur li jkun gie fdat bil-kura u l-kustodja taghhom, u l-esponenti tirrileva illi bint il-partijiet – li ser taghlaq sittax (16)-il sena – qed turi x-xewqa u l-inklinazzjoni li ser tkompli bl-istudji taghha, illi ghalhekk ikun opportun illi jkun hemm ordni fil-konfront tar-rikorrenti illi ghandu jkomplu jivversa l-manteniment ghall-minuri oltre l-eta' ta' maggorenni, f'kaz illi din tkompli bl-istudji taghha;

Illi fid-dawl tal-fatti hawn fuq esposti, l-esponenti hija tal-umli fehma illi t-talbiet tar-rikorrenti ghandhom jigu michuda, bl-ispejjez kontra l-istess rikorrenti;

Rat id-digriet taghha tat-13 ta' April, 2012;

Rat id-dokumenti kollha li gew esebiti;

Rat il-verbal tas-seduta tat-8 ta’ Novembru 2012;

Rat l-Artikolu 66 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi l-Qorti rat ir-rikorrenti irnexxielu jissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul; u dana peress illi ipprova illi l-partijiet ilhom legalment separati mit-18 ta’ Ottubru, 2001 u illi ma hemm l-ebda possibilita ta’ rikonciljazzjoni bejn il-partijiet;

Illi il-Qorti rat illi r-rikorrenti ipprova ukoll illi ma hemm l-ebda manteniment dovut minnu lill-intimata;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa’ t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet;

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------